MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 531/2011

**Francis Felice u martu Rita Felice ghal kull interess li jista` jkollha**

***kontra***

**Anthony Pisani**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-2 ta` Gunju 2011 li jaqra hekk –

*1. Illi r-rikorrent kien is-sid tat-truck Ford Transit bin-numru ta` registrazzjoni IAR 912, skont ma jirrizulta mic-certifikat ta` registrazzjoni li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument A.*

*2. Illi fil-21 ta` Lulju 2009, ir-rikorrent kien biegh u ttrasferixxa versu a favur l-intimat l-imsemmi truck, skont ma jirrizulta mill-formola tat-trasferiment li qed tigi annessa u markata bhala Dokument B.*

*3. Illi sabiex kollox isir regolarment, ir-rikorrent kien insista li t-trasferiment isir fl-Ghassa tal-Pulizija ta` Hal Qormi, kif fil-fatt gara, skont ma jirrizulta mill-anness Dokument B.*

*4. Illi wara li r-rikorrent effettwa l-bejgh u ghadda d-dokument ta` registrazzjoni originali tat-truck, debitament iffirmat miz-zewg partijiet u l-Pulizija lill-intimat, l-intimat naqas milli jiddepozita c-certifikat ta` registrazzjoni msemmi ghand l-Awtorita` dwar it-Trasport f`Malta, illum Transport Malta, bil-konsegwenza li dan it-truck baqa` jidher mal-awtoritajiet li jghajjat lir-rikorrent.*

*5. Illi r-rikorrent interpella lill-intimat f`diversi okkazjonijiet sabiex jirregistra dan it-trasferiment ma` Transport Malta, izda inutilment, u r-rikorrent ma setax jirregistra dan it-trasferiment hu stante li c-certifikat ta` registrazzjoni originali jinsab fil-pussess tal-intimat.*

*6. Illi fil-frattemp, b`konsegwenza tal-agir abbuziv tal-intimat, ir-rikorrent sofra danni skont ma ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, stante li ufficcjalment, it-truck baqa` jidher li qed jghajjat lilu.*

*7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ighid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tordna sabiex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti, l-intimat jiddepozita u jikkonsenja c-certifikat ta` registrazzjoni originali tat-truck Ford Transit bin-numru ta` registrazzjoni IAR 912, kif iffirmat mill-kontendenti ghand Transport Malta, u t-truck imsemmi ghalhekk jigi jghajjat lill-intimat ma` Transport Malta.*

*2. Tordna lill-intimat sabiex ihallas il-multi kollha dwar kundanni moghtija minn Tribunali Lokali mill-21 ta` Lulju 2009 'l quddiem kontra r-rikorrent dwar it-truck Ford Transit bin-numru ta` registrazzjoni IAR 912, kif ukoll kull multa, penali, administrative fines u fees li hemm imposti mill-21 ta` Lulju 2009 'l quddiem minn Transport Malta gja Awtorita` dwar it-Trasport f`Malta dwar it-truck imsemmi.*

*3. Tordna lill-intimat sabiex ihallas il-licenzji tat-triq kollha dovuti dwar it-truck Ford Transit bin-numru ta` registrazzjoni IAR 912 mill-21 ta` Lulju 2009 'l quddiem sabiex b`hekk ikun jista` jsir it-trasferiment tal-vettura ma` Transport Malta.*

*4. Tiddikjara li bl-agir tieghu l-intimat ikkaguna danni lir-rikorrent.*

*5. Tillikwida d-danni kagunati mill-intimat lir-rikorrent.*

*6. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent id-dani kollha hekk likwidati.*

*7. Tinnomina kuratur ghall-eventwali kontumaci sabiex ikun jista` jaghmel dawk l-atti kollha mehtiega sabiex jigi registrat it-trasferiment ma` Transport Malta tat-truck Ford Transit bin-numru ta` registrazzjoni IAR 912.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat, minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fit-2 ta` Awissu 2013 li taqra hekk –

*1. Illi filwaqt li l-esponent akkwista l-vettura Ford Transit numru IAR 912 versu hlas ekwivalenti ghal Lm800 (Maltin), ossia €1,863.50 u dan bi tpartit ma` van Isuzu, serkin, DVD Player u flus, it-trasferiment mitlub mill-attur ma giex accettat mill-istess Transport Malta in kwantu nstab li l-istess vettura kellha x-chassis maqsum u ma setghetx tghaddi mill-VRT Test ta` qabel it-trasferiment.*

*2. Illi bi htija ta` dan it-trasferiment ta` oggett b`difetti latenti, l-imsemmija vettura ma setghetx tiggeddidilha l-licenzja, u waqt li kienet fit-triq inhargulha hafna citazzjonijiet.*

*3. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li kull ma allegatament setghu sofrew l-atturi kien kagjonat mill-istess atturi u l-esponent ma jahti xejn.*

*4. Illi per konsegwenza ta` dak li inghad hawn fuq, se mai huwa l-esponent li ghandu jigi kkumpensat mill-atturi, u kieku l-atturi kellhom xi pretensjoni valida*

*kontra l-esponent, din giet pacuta ma` dak li huma dovuti jhallsu lilu.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti li kienet konfermata bil-gurament mill-konvenut, u l-lista tax-xhieda ndikati minnu.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta` Novembru 2011.

Semghet ix-xiehda ta` Brian Farrugia u ta` PC 1532 Mario Caruana fl-istess udjenza, u rat id-dokument li kien esebit mill-ewwel xhud.

Semghet ix-xiehda ta` Lino Abela fl-udjenza tas-6 ta` Frar 2012.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attur.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta` April 2012.

Semghet ix-xiehda tal-konvenut fl-udjenzi tal-24 ta` April 2012 u tat-22 ta` Ottubru 2012.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta` Ottubru 2012.

Semghet ix-xiehda tal-attur fl-udjenza tad-19 ta` Novembru 2012.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta` Novembru 2012.

Rat id-dokument li kien esebit fl-udjenza tal-11 ta` Frar 2013.

Semghet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta` Frar 2013.

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-udjenza tal-ahhar fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Verbali</u>**

Waqt l-udjenzi ta` din il-kawza, saru verbali mid-difensuri tal-partijiet li, fil-kaz ta` xi whud, jista` jkollhom effett fuq l-eistu tal-kawza. Ghalhekk din il-Qorti sejra taghmel riferenza ghalihom –

**1) <u>Udjenza tal-10 ta` Novembru 2011 (fol 18)</u>**

*Il-konvenut Anthony Pisani jaccetta bhala fatt illi fid-dati indikati fid-DOK BF1 hlief ghat-28 ta` Ottubru 2008 il-vettura in kwistjoni kienet fil-pussess tieghu u tintuza minnu.*

**2) <u>Udjenza tal-24 ta` April 2012 (fol 57 u 58)</u>**

*Dr. Robert Abela ghall-attur jirrileva illi fl-affidavit ta' l-attur diga' giet spjegata c-cirkostanza li fiha l-logbook originali gie ritornat mill-konvenut lill-attur. In vista tad-domandi li saru llum lill-konvenut Dr. Abela qieghed jiddikjara illi ma hemm l-ebda diffikulta', kif qatt ma kien hemm, li l-logbook jinghadda lill-konvenut, u dan ma sarx qabel peress illi l-konvenut qatt ma talab biex jerga' jinghata l-logbook bit-trasferiment debitament imdawwar fuq il-konvenut, anzi njora l-korrispondenza lilu mibghuta.*

*Dr. Leslie Cuschieri ghall-intimat jirreferi ghat-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni ta' l-intimat fejn dakinhar l-intimat kien iddikjara li wahda mill-problemi principali kienet li l-attur baqa' jzomm il-logbook ghandu sal-lum. Wara dakinhar, u cioe' numru ta' xhur wara, jidher li l-attur kien ghadu bl-impressjoni li l-logbook qieghed ghand il-konvenut, tant li tramite l-konsulent legali tieghu, talab li l-istess logbook jigi mghoddi lilu sabiex tigi rimedjata l-problema tal-multi li qeghdin dejjem joghlew, u kien biss wara din il-komunikazzjoni bejn l-avukati li donnu l-attur stenbah u gie jipproduci l-logbook ghal din il-kawza.*

*Dr. Leslie Cuschieri jiddikjara, bla pregudizzju ghall-pozizzjoni illi l-konvenut ha f'din il-kawza, illi huwa preparat illi jhallas il-multi kollha illi kienu nkorsi bl-uzu tal-vann in kwistjoni mid-data illi fiha l-konvenut hadha fil-pussess tieghu minghand terzi (mhux l-atturi) sal-lum. Ghal fini ta' aktar kjarezza, Dr. Cuschieri jiddikjara illi fl-istess waqt il-konvenut m'huwiex lest illi jhallas ebda multi li jirrigwardaw il-licenzja tal-vettura li ma setghetx tithallas ghax il-logbook baqa' ghand l-atturi, kif ukoll minhabba illi ma setax isir il-VRT fuq il-vettura.*

**3) <u>Udjenza tat-22 ta` Ottubru 2012 (fol 75 u 76)</u>**

*Billi hemm skema li taghlaq fl-ahhar tas-sena li tagevola arretrati ta' hlas ta' licenzji, id-difensuri tal-partijiet, bla pregudizzju ghall-pozizzjoni taghhom f'din il-kawza, qeghdin jaqblu, unikament biex ma jintilifx ic-cans*

*ta' beneficcju mill-iskema, illi l-multi li gew imposti dwar din il-vettura li tirreferi ghall-perjodu ta' qabel il-21 ta' Lulju 2009 tkun responsabilta' ta' l-attur, u l-multi li gew imposti wara din id-data jithallsu mill-konvenut, filwaqt illi s-somma ta' €125 tithallas nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.*

**4) <u>Udjenza tad-19 ta` Novembru 2012 (fol 91 u 92)</u>**

*Dr. Robert Abela jirrileva illi l-konvenut m'ottemperax ruhu mal-verbal registrat fl-udjenza precedenti dwar il-hlasijiet hemmhekk imsemmija, u jzid illi min-naha tieghu l-attur irid jottempera ruhu ma' dan il-verbal.*

*Dr. Leslie Cuschieri ghall-konvenut jaghmel referenza ghall-verbal tat-22 ta' Ottubru 2012 u jirrileva illi dakinhar stess kif spiccat is-seduta, il-konvenut Anthony Pisani nsista mieghu li hu kien qed jifhem li huwa ghandu jhallas il-multi relatati ma' uzu hazin tal-vettura in kwistjoni, imma mhux il-multi li nghataw lill-vettura in kwistjoni fil-perjodu wara li giet ghandu, liema multi jkunu inghataw minhabba l-fatt biss illi l-licenzja taghha ma gietx imgedda. Peress illi jirrizulta li hemm ammont konsiderevoli minn dawn il-multi, u peress li jirrizulta wkoll illi fi kwalunkwe kaz l-iskema msemmija tkun a beneficcju biss ta' l-attur, ikun ifisser li jekk jithallsu l-multi mposti minhabba li l-vettura in kwistjoni ma kienx qed ikollha licenzja mgedda, il-mertu kollu ta' din il-kawza jkun gie esawrit, a skapitu tal-konvenut, li ma jkollux rimedju hlief jekk mhux b'kawza ohra.*

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Provi</u>**

**<u>Brian Farrugia</u>**, rapprezentant ta` Transport Malta, xehed illi l-vettura Ford Transit Nru IAR 912 kien ilu registrat f`isem l-attur mit-18 ta` Dicembru 2007. Meta l-

licenza skadiet fit-30 ta` Settembru 2008, ma gietx rinnovata. Skond ir-records tal-Awtorita`, fir-rigward ta` din il-vettura, hemm kontravenzjonijiet mhux imhallsin li jammontaw ghal €1,892.51, u l-penali ghaliex ma thallsitx il-licenza tammonta ghal €1,552. Ipprezenta DOK BF1 a fol 33. Meta mistoqsi x`jigri meta vettura ma tghaddix il-VRT test, ix-xhud wiegeb illi min jaghmel it-test, ifisser lill-persuna koncernata ghaliex vettura ma tkunx ghaddiet mit-test, jidderigi lill-persuna koncernata biex jaghmel it-tiswijiet li hemm bzonn, u wara li dawn isiru, jerga` jiehu l-vettura ghat-test. Jekk dan il-process ikun se jiehu t-tul ta` zmien, biex ma jinkorrix il-multi, sid il-vettura ghandu kull interess li jaghmel *garaging* tal-vettura u jaghti lura l-pjanci lill-Awtorita`. Tibqa` mposta multa ta` €2 kuljum sakemm tithallas il-licenza. F`DOK BF1, hemm lista tal-kontravenzjonijiet bid-dettalji tad-data meta nghata t-*ticket* u d-data tad-decizjoni bil-hlas impost. Id-dettalji jigu kompletati mill-Kunsilli Lokali mhux minn Transport Malta. **Fil-kontro-ezami**, Brian Farrugia kkonferma illi biex karrozza tigi *garaged* mhux biss irid jigu ritornati l-pjanci izda anke l-*logbook* tal-vettura. **Fir-riezami**, mistoqsi jekk mill-file kienx jirrizulta certu Anthony Piscopo, Brian Farrugia xehed illi l-ahhar *entry* li kien hemm fil-file kienet ittra tal-Av. Robert Abela bid-data tat-2 ta` Ottobru 2009. Dwar it-tqeghid ta` vettura fil-*compound* ix-xhud spjega illi dak isir meta vettura tkun qeghda tinsaq fit-triq minghajr licenza jew insurance. Tibqa` fil-*compound* sakemm il-posizzjoni tal-vettura ma tkunx giet regolarizzata. Jirrizulta li certu Anthony Piscopo hareg il-vettura mill-*compound* fil-5 ta` Ottobru 2009. Il-persuna li tohrog vettura mill-compound trid turi prova li l-vettura hija tieghu bhal-*logbook*.

**PC 1532 Mario Caruana** ikkonferma li Dok. A a fol. 4 tal-process huwa kopja tal-original. Fid-dokument tidher il-firma tieghu u l-firem tal-bejjiegh u tax-xerrej tal-vettura. Huwa ma kienx lill-partijiet u seta` jidentifikahom mill-karti tal-identita`.

**Lino Abela**, technical manager ta` Transport Malta responsabbli mill-VRT tests, xehed illi mill-file jirrizulta li l-ahhar li l-vettura in kwistjoni ghaddiet mit-test tal-VRT kien fit-12 ta` Dicembru 2007. Wara dik id-data ma jirrizultax illi sar test iehor. Ippreciza li fit-12 ta` Dicembru 2007, il-vettura marret ghat-test f`zewg VRT stations differenti : fi station minnhom ghaddiet mit-test u fl-ohra ma ghaddietx mit-test. Fil-**kontroezami**, meta kien mistoqsi dwar il-hin meta saru dawk it-testijiet, Lino Abela wiegeb illi l-vettura marret fi station fl-10.52 u ghaddiet it-test. Marret fi station ohra fil-12.18 u ma ghaddietx it-test. Fir-**riezami**, ix-xhud fisser li fil-kaz ta` *commercial vehicles,* it-test isir kull sena. Jigu spezzjonati l-brakes, l-isteering, it-tyres, l-emissions, il-horn, id-dwal, il-kategorija tal-vettura, ic-chassis number kif ukoll jigi accertat li l-vettura in kwistjoni tkun l-istess bhad-dokument ta` registrazzjoni.

Fix-xiehda tieghu bl-affidavit, **l-attur** ighid illi huwa akkwista l-vettura de qua fl-2007. Kienet f`kondizzjoni tajba hafna u hekk baqghet sakemm giet biex terga` tinbiegh. Il-bejgh sar permezz ta` dealer lil Anthony Tanti. Meta mar ghand id-dealer biex jiffirma t-transfer, kien infurmat illi Tanti kien rega` biegh il-vettura lil Anthony Piscopo. Inghata n-numru tat-telephone ta` dan tal-ahhar sabiex isir it-trasferiment direttament mieghu. Il-vettura pero` spiccat ghand il-konvenut. Huwa cempel lill-konvenut fejn ippropona li l-firem ghat-transfer favur il-konvenut tal-vettura jsir fl-Ghassa tal-Pulizija ta` Hal-Qormi. Il-konvenut accetta u kellu jcempel lura lill-attur biex jiftehmu d-dettalji. Billi l-konvenut ma cempilx lura lill-attur, dan tal-ahhar ikkomunika mal-konvenut u ftehmu li jiltaqghu l-Ghassa tal-Pulizija ta` Hal-Qormi. Fil-fatt hekk sar u ffirmaw il-logbook quddiem PC 1532 Mario Caruana. Il-logbook nzamm mill-konvenut. Xi ftit xhur wara, l-attur ighid illi beda jircievi citazzjonijiet dwar il-vettura de qua. Wara li ghamel il-verifiki tieghu, l-attur sab illi l-vettura kienet ghadha registrata f`ismu u li l-logbook ma kienx gie prezentat lil Transport Malta. Kellem fil-pront lill-konvenut. Dan weghdu li kien se jhallas il-kontravvenzjonijiet u li kien jmur l-Awtorita biex jipprezenta l-log book. Fir-realta` l-logbook baqa` ma giex pprezentat lill-Awtorita.

L-attur kompla jixhed illi hu kien jara lill-konvenut jsuq il-vettura de qua. Kienet tkun mghobbija b`bicciet ta` vetturi mkissra ghall-iscrap jew b`ammont kbir ta` hadid. Kienet tintuza wkoll biex jigbed iz-ziemel. Cahad illi huwa biegh vettura bic-chassis maqsum ; anzi l-vettura telqet minghandu f`kundizzjoni tajba. Ghadda aktar zmien, rega` tkellem mal-konvenut li accertah illi hu stess kien ser jiehu l-log book lill-Awtorita. Meta l-attur mar l-Awtorita, sab illi qabel isir it-transfer, kellhom jithallsu l-multi u l-penali kollha li kienu akkumulaw matul iz-zmien. Meta l-attur tkellem mal-konvenut dwar dan, il-konvenut irrifjuta li jhallas. Kien hemm li l-konvenut semma ghall-ewwel darba li t-truck kellu c-chassis maqsum.

Dwar il-pussess tal-logbook, l-attur xehed hekk –

*Niccara, b`riferenza ghal dak li hemm fil-paragrafu numerat 5 tar-rikors mahluf, li ghalkemm kif ghidt aktar qabel f`dan l-affidavit ic-certifikat ta` registrazzjoni originali kien jinsab fil-pussess tal-intimat meta ffirmajna fl-Ghassa tal-Pulizija, u dam ghandu ghal zmien twil u cioe` sa ftit qabel ftahna din il-kawza, sussegwentement dan ic-certifikat inghadda lili mill-konvenut kif spjegajt sabiex nipprova nirregistra t-trasferiment mal-Awtorita` dwar it-Trasport f`Malta, pero` tali trasferiment kif ghidt ma setax isir peress li hemm somom ta` flus li jridu jithallsu qabel ikun jista` jigi registrat it-trasferiment, li jien ma kontx lest li nhallashom ghax ma kontx responsabbli ghalihom. Il-logbook baqa` fil-pussess tieghi billi l-konvenut qatt ma talabi biex naghtihulu lura, billi hasel idejh totalment mit-trakk, mill-multi u l-ammonti dovuti ... Inzid izda li l-konvenut lili qatt ma qalli biex niehu t-trakk lura minghandu ...*

Meta xehed *viva voce,* l-attur ghamel riferenza ghad-deposizzjoni ta` x-xhud Lino Abela. Ikkonferma li fl-2007 kienu saru zewg VRT tests tal-vettura in kwistjoni : l-ewwel test kien negattiv minhabba l-flaps ta` mat-tyres ; it-

tieni test kien posittiv wara li l-flaps gew in order. Mistoqsi ghaliex ma kienx gedded il-licenzja fil-2008, l-attur xehed illi huwa ma kienx baqa` jaghmel uzu mill-vettura u ghalhekk kien se jiggaraxxjah. Billi kien infurmat li kellu tliet xhur zmien biex jaghmel hekk, ha z-zmien tieghu. Qabel ghalqu t-tliet xhur biegh il-vettura lid-dealer.

**Il-konvenut** xehed illi huwa kien jaf lill-attur l-Marsa ghax kienu dilettanti taz-zwiemel. Ikkonferma li huwa m`akkwistax il-vettura minghand l-attur. Fil-fatt kienet bidlet l-idejn xi drabi qabel waslet ghandu. Xtara l-vettura minghand certu Carmelo mlaqqam *il-Muga*, li kien qallu li kien ghadu kif xtraha minghand haddiehor. Iltaqa` mal-attur meta marru l-Ghassa ta` Hal-Qormi sabiex jiffirmaw t-transfer, madwar tmienja jew disat ijiem wara li kien xtara l-van. Meta mar biex ihallas il-licenzja, qalulu li kellu jaghmel t-test tal-VRT u li kellu jhallas ukoll xi citazzjonijiet ta` madwar hamsin euro (€50). Meta mar biex jaghmel t-test tal-VRT, il-konvenut ighid illi l-attur kien jaf li c-chassis ma kienx tajjeb ghaliex hadu ghand xi hadd biex isewwieh. Jghid li l-attur kellu jcempillu biex issir it-tiswija izda billi baqa` ma cempillux, ha l-vettura ghand tellar habib tieghu tellar li sewwa c-chassis kif seta`.

Mistoqsi mill-Qorti jekk meta mar jaghmel it-transfer l-Ghassa tal-Pulizija kienx jaf bil-problema tac-chassis, il-konvenut wiegeb illi f`dak il-mument ma kienx ghadu jaf. Li kieku kien jaf, ma kienx jiehu l-vettura. Mistoqsi mill-Qorti jekk meta ha l-vettura kenitx ghaddiet mill-VRT, ix-xhud wiegeb fin-negattiv ghaliex skond hu l-vettura ma setghetx tghaddi mit-test ghaliex tal-VRT kien qallu li l-kabina kienet qed izomm mal-kaxxa. Rinfaccjat b`dak kollu, il-konvenut jghid li qabad u tefa` l-vettura go ghalqa. Mistoqsi jekk kienx informa lill-attur bil-problema, il-konvenut stqarr illi l-attur kien jaf biha ghaliex l-ahhar licenza mhallsa kienet dik tas-sena 2008, ghalkemm meta kellu jsir it-transfer fl-2009, il-licenza kellha tkun mhallsa.

Il-konvenut jixhed illi in segwitu l-attur kien qallu biex jaghtih il-logbook ha jghaddi l-vettura mill-VRT. U hekk ghamel. Meta l-attur mar lura u avzah li kienx irnexxielu jghaddi l-vettura mit-test, il-konvenut talab lura l-logbook izda l-attur irrifjuta. Tul dan iz-zmien kollu, il-van baqa` fl-ghalqa. Wara li kienet prezentata l-kawza, l-attur talbu l-logbook biex ma jkomplux telghin il-multi, meta l-logbook kien ghand l-attur.

Fil-**<u>kontro-ezami</u>**, il-konvenut xehed illi li l-van dam ghandu sena. Fil-bidu kien hallas l-insurance tal-vettura. Mistoqsi kemm ghamel zmien juza l-vettura, il-konvenut stqarr illi ghamlet aktar zmien gol-ghalqa. Mistoqsi jekk qattx talab flus mill-attur, il-konvenut wiegeb fin-negattiv ghax l-attur kien ighidlu biex jitlob flus lil min ghadda l-van lill-konvenut. Hekk ghamel pero` l-iehor ma tah xejn. Il-konvenut ipprezenta Dok. LC1 li suppost juri li l-vettura kienet *scrapped* fit-23 ta` Jannar 2012.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>It-tieni eccezzjoni</u>

Huwa evidenti illi saret l-ewwel eccezzjoni bhala presuppost ghat-tieni eccezzjoni.

Ghalkemm mhux daqstant kjarament, jidher illi bl-ewwel zewg eccezzjonijiet il-konvenut bhal donnu ried jilqa` ghall-pretensjoni attrici b`difiza ta` difetti latenti fil-vettura de qua mhux daqstant biex iwaqqa` l-bejgh izda biex isostni ghaliex ighid li m`ghandux ihallas dak li huwa pretiz minnu mill-attur.

Dan premess din il-Qorti trid tghid illi hemm kontradizzjoni cara fid-difiza tal-konvenut partikolarment fir-rigward tat-tieni eccezzjoni fis-sens illi meta jghid li kien

hemm difetti latenti fil-vettura li minhabba fihom ma setax isir il-VRT test, li kien pregudizzjali biex isir it-transfer, il-konvenut ma setax jieqaf hemm izda kellu jmur ghar-rimedji li l-ligi taghti lil xerrej ta` oggett li jkun affett minn difett mohbi. Il-konvenut ghazel li ma jmurx ghal dawn ir-rimedji izda kemm iddefenda ruhu mill-azzjoni attrici billi invoka l-allegat difett mohbi. Hija kontradittorja d-difiza tal-konvenut ghaliex minn naha wahda qieghed jikkonferma l-bejgh tal-vettura bhala tali, u minn naha l-ohra ghad illi jaccenna ghal difetti latenti la talab li jwaqqa` l-bejgh bl-*actio redhibitoria* u lanqas li jitlob tnaqqis fil-prezz tal-bejgh waqt li jzomm il-vettura bl-*actio aestimatoria*.

Ghalkemm waqt fl-istadju tas-sottomissjonijiet tal-ahhar, id-difensur tal-konvenut sostna li r-riferenza ghal difetti latenti saret fl-eccezzjonijiet mhux biex twaqqa` l-bejgh izda biex tirrespingi l-pretensjoni attrici, il-Qorti trid tistharreg jekk difiza ta` dik ix-xorta hijiex sostenibbli fil-kuntest tal-azzjoni attrici. Il-gurisprudenza tal-qrati taghna hija fis-sens li allegati difetti mohbija f`oggett mertu ta` bejgh ma jistghux jigu sollevati *per via di eccezione.* Fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 2001 fil-kawza "**Grech vs Abela**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*"Jinghad li skond il-gurisprudenza tal-Qrati Taghna l-konvenut ma jistax jaghmel dak li ghamel f`din l-istanza. Infatti, gie ripetutament deciz li jekk il-persuna li jkollha favur taghha t-terminu ta` dekadenza ma tkunx ezercitat l-azzjoni appozita a bazi tal-garanzija fit-terminu ta` dekadenza, allura, dik il-persuna ma tistax teccepixxi d-difett favur taghha.*

*Qalet l-Onorabbli Qorti ta l-Appell fis-sentenza taghha* ***"Neg. Charles Darmanin noe vs Giuseppe Baldacchino" (Vol. XXX.1.639)*** *:*

*Illi, fuq din il-kwistjoni, kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti, l-azzjoni redibitorja ghandha generalment tigi ezercitata permezz ta` azzjoni, u wara li jkun ghadda z-zmien ta` xahar stabbilit mil-ligi, ma tistax tigi moghtija lanqas permezz ta eccezzjoni, peress illi z-zmien ta xahar*

*stabbilit fl-artikolu 1145 (illum 1431) huwa zmien ta dekadenza.*

*F`din is-sentenza, kif ukoll f`sentenzi ohra tal-istess Onorabbli Qorti* ***(Pizzuto vs Refalo, Vol.XX.1.316; Ruggier vs German, XXX.1.377 u Arrigo vs Falzon, Vol. XXX11.1.508)*** *gie ritenut li dan it-terminu huwa terminu di rigore u intqal ukoll illi l-gurisprudenza, tant lokali kemm estera, qatt ma ddubitat illi fil-kaz ta l-azzjoni redibitorja kontemplata fl-Artikolu* ***1145*** *tal-Kodici Civili, hemm terminu ta` dekadenza, u mhux ta` preskrizzjoni vera u proprija, ghalkemm il-legislatur juza l-espressjoni ta` preskrizzjoni.*

*F`sentenza, imbaghad, ferm elaborata u studjata tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc* ***"Emmanuele Camilleri noe vs Anthony Calascione noe" (Vol. XXXV111.11.723)*** *intqal dan :*

*Meta d-dritt ghall-proposizzjoni tar-redibitorja jew tal-estimatorja permezz ta azzjoni jkun spicca bid-dekors taz-zmien, la r- redibitorja u lanqas il-"quanti minoris" ma tkun tista` tigi mill- kompratur opposta "in via d`eccezzione", ghaliex in-nota massima "temporalia ad agendum perpetua ad excipiendum" mhux applikabbli in tema ta` dekadenza"* ***(ara wkoll App. Civ. Cilia La Corte vs Galea, Vol.XX.1.280; P.A. Farrugia vs Azzopardi, XV1.111.75; Von Hare vs Caruana, Vol. X11.640; Colombo vs Pace, Vol. XV11.111.75; Ragonesi vs Misrahi, Vol. XXV111.111.1023, Colgnhour vs Butler, dec. 10.12.51; u Kum. Brown vs Gelfo, 6.02.36; George Peresso noe vs Victor Calleja noe, dec. 19.06.95).”***
(ara wkoll is-sentenza ta` din il-Qorti [**PA/RCP**] tad-29 ta` Novembru 2012 fil-kawza fl-ismijiet “**Zammit et vs Sant et**”).

It-tieni eccezzjoni qeghda tkun respinta.

**Ikkunsidrat :**

## IV. L-eccezzjonijiet l-ohra

Apparti dak li diga` nghad, l-ewwel eccezzjoni tirreferi ghal tpartit waqt li r-raba` eccezzjoni tirreferi ghal tpacija. In partikolari, il-konvenut jaccenna ghall-fatt illi l-akkwist tal-vettura de qua kien l-effett ta` tpartit. Mill-provi rrizulta li l-konvenut kiseb il-vettura de qua, mhux minghand l-attur izda minghand terzi. Biex kiseb il-vettura, il-konvenut mhux biss hallas xi flus izda anke partat xi oggetti. It-terz li kiseb l-oggetti li ha minghand il-konvenut mhuwiex parti fil-kawza tal-lum.

L-**<u>Art 1197 tal-Kap 16</u>** jaqra hekk –

*(1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it- tnejn bhala oġġett somma ta` flus, jew kwantità determinata ta` hwejjeġ funġibbli ta` l-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.*

*(2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f`dik li hija kwantità.*

Fis-sentenza taghha tas-7 ta` Marzu 2012 fil-kawza "**<u>Farrugia pro et noe vs Exalco Holdings Ltd</u>**" din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk –

*Illi jibda biex jinghad li t-tpacija ssehh hekk kif tnejn min-nies ikunu, fl-istess waqt, ukoll debituri ta` xulxin. Kemm hu hekk, din it-tpacija ssir bis-sahha tal-ligi wkoll jekk kemm-il darba d-debituri ma jkunux jafu li qeghda ssehh. It-tpacija ssehh fejn ikun hemm zewgt idjun li jkollhom somma ta` flus jew haga fungibbli ta` l-istess speci u dan sakemm iz-zewgt idjun ikunu likwidi u dovuti ;*

*Illi, minbarra dan, it-tpacija hija meqjusa mil-ligi bhala wahda mill-modi li bihom tintemm obbligazzjoni. Biex issehh it-tpacija, ghalhekk, jehtieg li jkun hemm obbligazzjoni li toqtol, ghal kollox jew f`bicca, obbligazzjoni ohra kuntrarja. Dan ifisser li t-tpacija, meta*

*tigi eccepita, tammonta ghal stqarrija ta` gharfien tal-obbligazzjoni li kontra taghha t-tpacija ssir. Kemm hu hekk, inghad li t-tpacija hija ammissjoni tal-obbligazzjoni kuntrarja u twaqqa` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ;*

*Illi t-tpacija ssehh bis-sahha tal-ligi nnifisha wkoll jekk minghajr l-gharfien tad-debituri nfushom, b`mod li hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed joqtlu `l xulxin safejn ikunu ndaqs. Huwa siewi li wiehed izomm quddiem ghajnejh li, fit-tpacija, "i debiti si estinguono non dal giorno della sentenza e per effetto di questa, ma dal momento della loro coesistenza (ex tunc), automaticamente, per effetto della legge ..." ;*

*Illi t-tpacija tista` titqies bhala hlas reciproku li jitfi z-zewg obbligazzjonijiet (jekk ikunu ndaqs) fl-istess waqt. Jekk kreditu wiehed ikun akbar mill-iehor, it-tpacija ssehh sal-ammont tal-anqas wiehed u l-obbligazzjoni tibqa` skond kemm l-akbar kreditu jkun jisboq `il dak li jkun icken ;*

*Illi l-ligi taghna taghraf zewg ghamliet ta` tpacija : dik ex lege u dik konvenzjonali, li ma toqghodx ghar-regoli tal-ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha. Biex tista` ssehh it-tpacija legali jehtieg jintwera li (a) jkun hemm zewg djun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur), (b) li jirreferu ghal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reciprokament ta` xulxin, (c) li jkunu omogenji (jigifieri, jkollhom bhala oggett il-hlas ta` flus jew haga ohra fungibbli); (d) li jkunu likwidi jew jistghu jkunu likwidati bla tahbit kbir u jkunu certi wkoll f`dik li hija kwantita`, u (e) li d-djun ikunu dovuti jew jistghu jintalbu ;*

*Illi fir-rigward tad-djun li joqtlu `l xulxin, id-dottrina tishaq li biex issehh it-tpacija jehtieg li tintwera "l`autonomia dei contrapposti rapporti di credito". Ghalhekk il-ligi trid li jkun hemm zewgt idjun separati, u mhux rapport wiehed li*
*minnu jitnisslu pretensjonijiet reciproci tal-partijiet. Kemm hu hekk, inghad b`awtorita` interpretativa li "La compensazione suppone l`autonomia dei rapporti ai quali*

*i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapport accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioe` in una sorta di complesso conteggio, a proposito del quale non puo` parlarsi di compensazione in senso tecnico";*

Ir-resokont f`termini guridici tal-premess, meta applikati ghall-kaz tal-lum, ghandu jfisser illi bil-fatt biss illi fir-raba` eccezzjoni, il-konvenut ghazel *motu proprio* li jeccepixxi t-tpacija dak ghandu jfisser illi l-konvenut kien qieghed jaccetta illi huwa debitur tal-attur. Hekk ukoll accenna d-difensur tal-konvenut fis-sottomissjonijiet tal-ahhar. Din il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz tal-lum ma jistax ikun hemm tpacija ghaliex l-attur qatt ma kien debitur tal-konvenut.

L-ewwel u r-raba` eccezzjonijiet huma michuda.

Respinti l-ewwel, it-tieni u r-raba` eccezzjonijiet, jifdal l-analizi tal-mertu tat-talbiet attrici, u kif dawn huma milquta bit-tielet eccezzjoni.

Din il-Qorti tibda biex tghid li ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**"<u>Borg vs Bartolo</u>"** – Appell Inferjuri – 25 ta` Gunju 1980). Il-grad ta` prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f`mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta` provi meqjusa fuq bilanc ta` probabilitajiet (**"<u>Caruana vs Laurenti</u>"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; **"<u>Borg vs Manager ta` l-Intrapriza tal-Halib</u>"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; **"Vassallo vs Pace"** – Vol.LXX.II.144 u **"<u>Zammit vs Petrococchino</u>"** – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952).

Apparti l-kwistjoni tal-uzu tal-vettura de qua ghar-rigward taz-zmien fejn ma kienx hemm trasferiment *ex lege* tal-*ownership* taghha, din il-Qorti hija tal-fehma illi huwa rilevanti ferm illi ladarba l-*logbook* irrizulta li kien iffirmat **minghajr riservi** miz-zewg kontendenti fil-kawza tal-lum, jigi stabbilit min minnhom kien responsabbli li jiddepozita c-certifikat ta` registrazzjoni ma` Transport Malta.

L-**Art 26 ta` Kap 65** jaqra hekk –

*Kull persuna imsemmija fuq il-liċenza bhala s-sid jew bhala wiehed mis-sidien, li tkun bieghet jew xort`ohra ttrasferiet il-jedd taghha fuq il-vettura li ghaliha tkun tirriferixxi l-liċenza, ghandha taghti avviż lill-Awtorità ta` dak il-bejgh jew trasferiment, u ghandha fl-istess hin tippreżenta l-liċenza sabiex jitniżżlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviż ma jiġix moghti u l-liċenza ma tiġix ippreżentata, dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, tibqa` suġġetta ghad-disposizzjonijiet ta` din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura.*

Imbaghad l-**Art 57(1)** jaqra hekk –

*Sid ta` vettura bil-mutur li jonqos li jġedded il-liċenza relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi liġi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli ċivilment lejn l-Awtorità ghall-hlas tal-ammont dovut ghad-dritt tal-liċenza rilevanti.*

Mill-assjem tal-provi, jirrizulta li sat-30 ta` Settembru 2008, u cioe` id-data meta ghalqet il-licenza vigenti tal-vettura de qua, il-vettura kienet ghadha fil-pussess tal-attur. Sal-mument illi l-attur biegh il-vettura, il-licenza taghha kienet skaduta. Hekk jirrizulta li ghadha sal-lum.

Din il-Qorti ssib konflitt fid-deposizzjoni tal-attur. Fl-affidavit tieghu, l-attur ighid li waqaf juza l-vettura fl-2008. Ighid illi ghadda l-vettura lil *dealer* tlett xhur wara li skadiet il-licenzja. Hija fehma ta` din il-Qorti li hemm kontradizzjoni f`dak li jghid l-attur li timpingi fuq il-kredibilita` tieghu. Jekk tassew huwa ghadda l-vettura lid-dealer tlett xhur wara li kienet skadiet il-licenzja, dak ifisser li dak li sar kien relattiv ghall-ahhar ta` Dicembru 2008. Dan pero` ma jistax ikun jekk wiehed joqghod fuq il-provi ghaliex, skond l-attur, ibnu baqa` jaghmel uzu mill-vettura sal-2009. F`dik is-sena, bil-preciz f`Lulju, il-vettura nbieghet. Din il-Qorti qeghda taghmel enfasi fuq il-fatt illi fl-affidavit tieghu, l-attur ighid illi huwa baqa` jaghmel uzu ta` l-vettura sal-2009. Fil-kontroezami, jirrizulta li xehed diversament.

Fuq l-iskorta tal-Art 26 tal-Kap 65 fuq citat, huwa dmir il-bejjiegh li jmur ghand l-Awtorita` sabiex jaghti avviz li sar trasferiment tal-vettura. Mill-provi jirrizulta li ghall-ewwel il-logbook kien ghand il-konvenut ; in segwitu hadu l-attur u baqa` ghandu. Kien ghandu anke fid-data tal-presentata tar-rikors guramentat u fil-mori tal-kawza. Li kieku tassew l-attur kien qed jistenna li l-konvenut jirregolarizza l-posizzjoni tal-vettura fiz-zmien ta` qabel il-presentata tal-kawza, il-konvenut dak ma setax jaghmlu ghaliex il-logbook kien ghand l-attur. Ghal din il-Qorti l-ewwel talba saret inutilment ghaliex l-obbligu tal-konsenja tac-certifikat ta` registrazzjoni tal-vettura lil Transport Malta kien jispetta lill-attur u ma kellux jistenna li l-konsenja ssir mill-konvenut meta c-certifikat kien fil-pussess tal-attur.

Il-pern tal-kwistjoni bejn il-partijiet tibqa` l-hlas tal-multi u tal-penali. Skond Dok BF1 a fol 34, l-ammont li lahaq akkumula sas-6 ta` Frar 2012 kien ta` €3928.98. Mhux eskluz li s-somma baqghet tizdied. Skond il-ligi, jidher illi sakemm ma tigix pprezentata l-licenzja tal-vettura lil-Awtorita, l-persuna li kienet registrata fuq dik il-licenzja, ghalkemm ikun sar it-trasferiment jew bejgh,

"*tibqa` suġġetta ghad-disposizzjonijiet ta` din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura".* Issir referenza wkoll ghal zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn, wara li saret riferenza ghall-Art 26 u 57 tal-Kap 65, nghad hekk –

*"Illi ghalhekk stante li r-rikorrent ghandha f`isimha l-licenzja tal-vettura, dan ifisser li hija r-registered owner taghha mat-Transport Malta, w ghalhekk tibqa` responsabbli ghaliha peress li mal-Awtorita` ma tkun ittrasferiet l-ebda jedd taghha.*

*…*

*Illi ghalhekk skond dan l-artikolu tal-ligi sid il-vettura, li f`dan il-kaz hija r-rikorrent stante li hija r-registered owner, huwa responsabbli civilment ghall-hlas ta` licenzji w ghalhekk ghandu jinzamm responsabbli ghal dan in-nuqqas tieghu."*

(ara : Avviz Nru. 372/2010 : "**Bartolo vs L-Awtorita ghat-Trasport f`Malta (Transport Malta)**" deciza fit-22 ta` Gunju 2011 ; u Avviz Nru. 456/2010 : "**Aquilina vs L-Awtorita ghat-Trasport f`Malta (Transport Malta)**" deciza s-27 ta` Settembru 2011).

Fis-sottomissjonijiet tal-ahhar, id-difensur tal-konvenut jaccetta li l-assistit tieghu ghandu jhallas il-multi naxxenti minn kontravvenzjonijiet bl-uzu tal-vettura da parti tieghu izda m`ghandux ihallas multi jew penali minhabba l-fatt illi l-vettura ma kellhiex licenza mahruga mill-Awtorita`. Mill-provi jirrizulta illi l-vettura ghaddiet ghand il-konvenut meta diga` kienet minghajr licenza, billi l-licenza skadiet fit-30 ta` Settembru 2008 u l-firem tal-logbook saru fil-21 ta` Lulju 2009. Kif xehed rapprezentant tal-Awtorita`, it-test tal-VRT fuq *commercial vehicles* bhal dik in kwistjoni jsir darba fis-sena u kwindi sabiex setghet tiggedded il-licenza f`Settembru 2008, l-attur kellu bilfors jaghmel it-test tal-VRT. Eppure dak it-test baqa` ma sarx u allura lanqas sar it-tigdid tal-licenza.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-kwistjoni bejn il-partijiet ghandha tigi deciza hekk –

Fl-ewwel lok, il-logbook tal-vettura qieghed ghand l-attur, u kwindi d-depozitu ma` Transport Malta ghandu jsir mill-attur.

Fit-tieni lok, l-attur huwa responsabbli ghall-hlas tac-citazzjonijiet li nhargu qabel sar it-trasferiment ; dawn jammontaw ghal €174.72.

Fit-tielet lok, il-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas tac-citazzjonijiet li nhargu wara t-trasferiment u li huma relatati mal-uzu ta` l-vettura ; dawn jammontaw ghal €693.35.

Fir-raba` lok, l-attur huwa responsabbli ghall-hlas tac-citazzjonijiet li nhargu wara t-trasferiment u li huma relattivi man-nuqqas ta` tigdid tal-licenzja tal-vettura ; dawn jammontaw ghal €1024.93.

Fil-hames lok, l-attur jibqa` responsabbli ghall-hlas tal-bqija u cioe` "*licences due*" (€493.98) u "*late licence payments*" (€1542) total ta` €2035.98.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tichad l-ewwel, t-tieni u r-raba` eccezzjonijiet.**

**Tilqa *in parte* it-tielet eccezzjoni.**

**Tichad l-ewwel talba.**

**Tiddisponi mit-tieni u mit-tielet talbiet billi tiddikjara illi mill-ammont ta` tlett elef disa` mija tmienja u ghoxrin Ewro tmienja u disghin centezmu (€3928.98) li jirrizulta fid-Dok BF1 a fol 34, l-attur ghandu jkun responsabbli ghall-hlas tas-somma ta` tlett elef mitejn hamsa u tletin Ewro tlieta u sittin centezmu (€3235.63) kif fuq spjegat waqt illi l-konvenut ghandu jkun responsabbli ghall-hlas tal-ammont ta` sitt mija tnejn u disghin Ewro sitta u tmenin centezmu (€693.35) kif fuq spjegat.**

**Tichad r-raba`, il-hames, is-sitt u s-seba` talbiet attrici.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------